**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 52 – IT-TNEJN 26 TA' LULJU 2010**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fis-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekkutiv |

Il-Kunsillier Joseph Camilleri kien skużat minn qabel milli jattendi għal din il - laqgħa.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru wieħed u ħamsin (51) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

2.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn it-13 ta' Lulju us-26 ta' Lulju 2010.

2.2. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1916/10. Id-Dipartment tal-Artijiet bagħat kopji tal-Kuntratt għad-devoluzzjoni tal-art fi Triq Patri Anastasju

Cuschieri biex jiġu iffirmati waqt iċ-ċerimonja uffiċċjali li sejra issir dalwaqt.

2.3. Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1948/10. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien qed jibgħat aktar informazzjoni dwar il-korsijiet "LifeLong Learning".

2.4 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1978/10. Il-Konsulenti ERSLI kienu qed jgħaddu kopja tal-progett: "National Flood Relief Project' lil-Kunsill ikkoncernat.

Doc. A u B anness

3. **ILMENTI.**

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn t-13 ta' Lulju us-26 ta' Lulju 2010, kif tidher annesa bħala document C.

3.2 Rigward ilment Nru. 13/07-1 biex titnaddaf Triq Erin Seracino Inglott in-naha ta' fuq; il-Kunsill diġa ħa passi u tnadfet.

3.3 Dwar rapporti fuq bozoz Nru. 127203, 127372, 127514, 21/07-2 u 26/07-1 diġa ġie infurmat l-Enemalta ul-Kuntrattur tal-Kunsill Lokali.

3.4 Dwar talba Nru. 15/07-1 biex issir 'sleeping-policeman' fi Triq May Butcher kif iddur minn Triq Richard Taylor minħabba l-vetturi jgħaddu sparati; il-Kunsill ma laqgħax din il-proposta.

3.5 Dwar rapport Nru. 127587 minn residenta li toqgħod fi Triq K. Vassallo kantuniera ma' Trejqet ir-Rumanzieri, li s-servizz ta' l-ilma mhux qed jasal sas-sulari ta' fuq; il-Kunsill bagħat rapport lil-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma minnufih.

3.6 Dwar talba Nru.21/07-1 biex issir il-bankina quddiem residenzi ġodda fi Triq il-Wied. Il-Kunsill sejjer jinvestiga dan il-kas u jiehu passi.

3.7 Dwar ilment 22/07-1 li wardens qed iwaqqfu t-trakkijiet quddiem il-Maypole u din il-persuna m'hiex tara toħroġ minn Triq Ġużè Galea; Il-Kunsill innota li dawn ikunu kasijiet okkażjonali.

3.8 Dwar ilment Nru. 22/07-2 li fiTriq il-Wied kantuniera ma' Triq Frederick Borg qed jipparkjaw trailers li qed jaħdmu faċċata

u persuna nieżla minn Triq Frederick Borg ma'kunx jista' jara; il-Kunsill sejjer jibgħat il-Wardens biex jieħdu passi.

3.9 Dwar ilment Nru. 22/07-3 li fi Triq il-Prinjol hemm ħafna trabijiet minħabba bini li qed isir. Il-Kunsill minbarra li għamel rapport lil-Mepa dwar dawn it-trabijiet, ċempel is-Segretarju direttament lil-Pollution Control tal-Mepa fejn talab li jittieħdu passi immedjati. Il-Kunsill sejjer jitlob "Infringement Report' mingħand l-istess Awtorita'.

3.10 Rigward ilment 127894 lid-dawl ta' Triq San Mikiel (8 arbli) mhux jixgħel. Dan ilu ġimgħa. Barra lil-Kunsill bagħat rapport minnufih, ċempel ukoll lil Customercare tal-Enemalta.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f-dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

4.3 Is-Sur Dalli ħabbar li rċevejna l-kont mingħand il-Bitmac Works Ltd tax-xogħlijiet li saru bit-tarmac f'diversi toroq.
L-akbar spiza kienet dik ta' Triq Geronimo Abos fejn saru xogħlijiet estensivi u kisi bit-tarmac, spiża ta' €40,042.
Triq il-Muzika ġiet tiswa €4193
Triq Erin Seracino Inglott ġiet tiswa €5152.
Total ta' €49,388.
Dan kollu sejjer tħallas mill-fondi tall-Kunsill Lokali.

4.4 Dawn ix-xogħlijiet ġew maħduma u ċ-ċertifikati mill-Contract Managers tal-Kunsill.

4.5 Is-Sindku Anthony Dalli kien qed jipproponi li dan il-kont jitħallas fi tlett fażijiet: €25,000 f'Awissu, €14,000 f'Settembru u €10,388 f'Ottobru 2010.
Kulħadd qabel unanimament li nimxu b'dan il-mod.

## 5. MATERJI KONNESSI MA'L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet t- tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 02664/07. Biex jiġi approvat garaxx kif inbena u l-alterazzjonijiet tal-garaxx u biex tiddaħħal vettura personali erbgħatax il-filata għolja. (m'hux sejra issir attivita'

kummerċjali); (skavar ta' żewġ filati). L-applikazzjoni ġiet diferita.

5.3 Dwar PA 01990/08. Bitmac Ltd, ix-Xwieki. L/O Iklin. Proposta biex jiġi estiz l-workshop tal- polystyrene. L-applikazzjoni ġiet diferita.

5.4 Dwar PA 03432/06. Soft Stone Quarry No. 13. Tat-Tabib. Biex jaqleb din il-barriera għal-ħażna fil-miftuh, tisbieh ta' l-art ta' madwar' u terġa 'ssir art għal-biedja. L-applikazzjoni ġiet diferita.

5.5 Dwar PA 05554/09. Sit fi Triq Prinjol. Bini ta' żewġ semi-detached bungalows u garaxxijiet taħt.L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.6 Dwar PA 00952?10. Mandolina, Triq il-Wied. Biex isir bini fuq bungalow eżistenti billi jinbnew żewġ kmamar fuq wara. L-applikazzjoni ġiet diferita.

5.7 Dwar PA 04688/09. Ghalqa tal-Balal ġo Triq Gharghur. Biex jiġi approvat tibdil fl'uzu biex jiġu ipparkjati vetturi kummerċjali u tidbil skond il-pjanti u tibdil fil-pozizzjoni tal-grada u "landscaping". Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.8 Dwar PA 00737/10. 5 & 7 Triq Censu Bugeja. Biex titpoġġa tabella tixgħel fuq *showroom* eżistenti. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.9 Il-Konsulent tekniku tagħna talab lil-Kunsill biex nagħmlu oġġezzjoni fuq l-applikazzjoni Nru. 02168/08.

**6. ĠUDIKAZZJONI TAL-KWOTAZZJONI TAS-SUSTAINABLE ENERGY ACTION PLAN.**

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli talab lis-Seġretarju jaqra r-rapport li kien lesta dwar il-kowtazzjonijiet l'rċevejna.
Dawn kienu tlieta:

| | | |
|---|---|---|
| a. | Econing Engineering Construction Ltd | €3,700 |
| b. | D-consulta | €8,000 |
| c. | E M D P Ltd | €2,900 |

6.2 D-Consulta bill - prezz ta' €8,000 kien qed joffri pakkett shih sal-applikazzjoni tal-proġetti.

6.3 Econing bill-prezz ta' €3,700 kien qed joffri pakkett ta' konsultazzjoni biss; kull applikazzjoni trid titħallas addizzjonali iżda din l-kumpanija għandha esperjenza fuq dan il-proġett u ħadmet ma' 11 l-Kunsill ieħor.

6.4 E M D P Ltd. bill - prezz ta' €2,900 joffri konsulazzjoni sal-applikazzjoni; jidher li dan qatt ma 'għamel proġett ta' dan it-tip ma' ebda Kunsill Lokali.

6.5 Għaldaqstant l-għazla kienet l'immoru għal kumpanija Econing Engineering Construction Ltd. għaliex din kellha l-esperjenza meħtiega biex taħdem fuq dan il-proġett.

6.6 Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta unanimament u awtorizza lis-Sindku, lis-Sur Ronald Cauchi lis-Segretarju biex jiltaqgħu ma' din il-kumpanija biex iġibu aktar tagħrif.

## 7. TRAFFIC MANAGEMENT FL-IKLIN.

7.1 Is-Sindku Anthony Dalli staqsa lil-Kunsilliera jekk kienx hemm xi proposti ġodda minn naha tagħhom mill-aħhar laqgħa.

7.2 Il-proposti kienu:
a. Tingħalaq Triq Alfons Maria Galea filgħodu mis-7.00am sad- 9.00am.

7.3 b. Tingħalaq Triq Ġuże Pesċi kantuniera ma' Triq Erin Seracino Inglott wara nofs in-nhar mil-4.00pm sas-7.00pm.

7.4 Il-Kunċett ta' dan kollu kien biex jitnaqqas il-volum tat-traffiku fil-ħinijiet kruċjali tal-ġurnata miċ-ċentru tal-Iklin. Il-Kunsill huwa konxju li dawn il-mżuri jistgħu jolqtu ħażin xi residenti imma l-iskop kien biex jitnaqqas kemm il-volum tat-traffiku kif ukoll l-emissjonijiet.

7.5 Il-Kunsill sejjer jibgħat flyer f'kull dar biex jinforma lir-residenti b'din il-proposta u jitlob kummenti mingħand minn hu interessat. Barra minhekk sejrin niktbu lit-Trasport Malta b'din il-proposta u nitolbu l-parir tagħhom.

## 8. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

8.1 Is-Sindku Anthony Dalli bi pjaċir ħabbar lil- Kunsill tagħna kien wieħed fost ħmistax li kien eliġibbli għal-għotja ta' fondi taħt l-iskema 'Measure 323 – Conservation and Upgrading of Rural Heritage – 2009' mill-Ministeru Għar-Riżorsi u L-Affarijiet Rurali.
Il-Kunsill kien applika għas-somma ta' madwar €250,000 biex jibni u jirrestawra ħitan tas-sejjieh madwar l-Iklin. Aktar tagħrif jingħata mill-Ministeru meta tiġi ikkonfermata s-somma.

8.2 Is-Sur Dalli irrefera għal - Memo 103/2010 maħruġ mid-Dipartiment li kien jittratta fuq il-ħinijiet ġodda tal-ftuh tal-

Kunsilli  Lokali biex ikunu uniformi; dawn kienu bejn it-8.00am sal-1.00pm
Għaldaqstant il-Kunsill tagħna sejjer jżomm dawn il-ħinijiet biex jinqiegħda aħjar ir-resident

8.3 Is-Sindku Anthony Dalli ħabbar li l-Kunsill tagħna sejjer japplika għal-fondi taħt " Skema Dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2011. (Memo 95/2010)
Hu talab lil-Kunsilliera biex jaħsbu fit fuq xi attivita' kulturali jew edukattivi li tista' issir fil-lokalita' tagħna is-sena d-dieħla.

8.4 Ħabbar ukoll li sejra titnaddaf mill ħaxix l-għalqa li hemm fi Triq San Mikiel mill-kuntrattur tal-knis tagħna. Dan biex jitnaqqas kull periklu tan-nar li jitla' waqt il-Festa tas-Salvatur ta' Hal -Lija fl-4,5, u 6 ta' Awissu.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Peress li ma kienx hemm iżjed x'niddiskutu, l-laqgha ġiet fi tmiema fis-6.45pm u kien hemm ftehim lil-laqgha l'jmiss issir issir  nhar it-Tnejn 23 ta' Awissu 2010 fil- 5.30pm.

9.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgha tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Awissu 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv. |